**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 70/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Carmel Rapa**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Carmel Rapa**, iben Joseph Rapa u Catherine neé Harber, imwieled il-Ħamrun fid-9 ta' Diċembru 1951 u residenti 40, Nayim, Triq PH, Skippon, Naxxar, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 19:23hrs ġewwa s-Siġġiewi għamel:

1. inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Vanessa Rapa Gauci;

2. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, heddidha li tagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Vanessa Rapa Grech tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 399(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk illiberatu minnha, sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200.00).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Frar 2021, billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel akkuża u tirrevokaha fil-bqija u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti relatati ma' dan il-każ huma pjuttost sempliċi. Jirriżulta li waqt li l-*parte civile* Vanessa Rapa Grech u l-appellant kienu għaddejjin minn separazzjoni, il-*parte civile* baqgħet tgħix fid-dar li hija proprjeta' parafernali tal-appellant b'dan illi hija kienet qed torqod fil-kamra tas-sodda prinċipali waqt li l-appellant kien qed jorqod fl-istudju. Jirriżulta li l-appellant ried ikun aktar komdu fid-dar u ddeċieda li jneħħi xi ħwejjeġ tal-*parte civile* u bagħtilha messaġġ li kien ser jaħraq il-ħwejjeġ tagħha u li hija rrispondiet b'*emoji* umoristiku.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant isostni li qatt ma ried jaħraq il-ħwejjeġ tal-*parte civile* u meta hija rritornat id-dar sabet il-ħwejjeġ intatti. Minkejja dan, il-*parte civile* xorta rrappurtatu lill-Pulizija.

Illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta s-segwenti:

- Fl-affidavit tagħha **WPS 7 T. Farrugia** (*a fol.* 6 *et seq.*) ingħad li l-*parte civile* Vanessa Rapa Grech kienet għamlet rapport dwar theddid mir-raġel tagħha l-appellant Carmel Rapa liema theddid sar permezz tat-telefon u li dan kien qalilha li ser jaħarqilha l-ħwejjeġ u meta marret id-dar, l-appellant beda jipprova jifqa' l-*gypsum* u sabet kollox fl-art. Tgħid li minn naħa tiegħu l-appellant kien qal li huwa kien informa lil martu li kien ser jaħraq il-ħwejjeġ li kienu fil-gwardarobba għaliex dawn ma kinux jiġuha. Ir-risposta tal-*parte civile* Vanessa Rapa kienet *"You just dare"* u Carmel Rapa reġa' bagħat messaġġ ieħor fejn qal li binhom Noah kien ser iqabbad in-nar b'dan illi r-risposta tal-*parte civile* kien *emoji* bid-daħka u li huwa wieġeb li allura kellu l-kunsens tagħha u kien ser jibda jqabbad. Jingħad li l-appellant ħaseb li l-*parte civile* kienet ħadet kollox b'ċajta tant li ma għamilx dak li kiteb u huwa wera ritratt li juri li l-ħajt ma kienx intmess. Tgħid li l-*parte civile* kienet wieġbet li l-*emoji* kienet bagħtitu biex turi lil żewġha l-appellant li ma kinitx tibża' minnu u allura kienet bagħtitu b'mod sarkastiku u spjegat li sabet ir-*railings* tal-

gwardarobba maqlugħa u ħwejjiġha kollha mixħutin mal-art jew fuq is-sodda.

- Il-*parte civile* **Vanessa Rapa Grech** (*a fol.* 26 *et seq.*) spjegat li bdiet tirċievi messaġġi mill-appellant li kien ser jaħarqilha l-ħwejjeġ. Tgħid li meta marret id-dar sabet ir-*railings* tal-*walk-in* kollha maqlugħin. Fil-kontro-eżami hija qalet li r-raġel jixrob u kif irċeviet dawk il-messaġġi hija qalet li żgur kien ser jagħmel xi ħaġa.

- Da parte tiegħu, l-appellant **Carmel Rapa** (*a fol.* 36 *et seq.*) xehed li kellu bżonn aktar wisa' biex ikollu fejn jorqod iżda l-*parte civile* ma kinitx neħħiet il-ħwejjeġ minn ġol-*walk-in*. Jgħid li kien battalha hu u għamel il-ħwejjeġ tal-*parte civile* fil-gwardarobba. Jgħid li għall-messaġġ tiegħu, il-*parte civile* bagħtet *emoji* jidħak u jgħid li hija kienet taf li ma kienx ħa jaħraq il-ħwejjeġ. Jgħid li hu ma kienx qalilha li kienet ċajta minkejja li kien ipprova jċemplilha biex jgħidilha li kienet ċajta. Jgħid li kien ħalla xi ħwejjeġ fuq is-sodda għaliex dawn ma kienux qagħdu.

- Il-messaġġi li saru riferenza għalihom jidhru *a fol.* 12, 18, 19 u 25 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti f'illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni ġialadarba l-Qorti ma sabitx li l-messaġġ bil-*WhatsApp* kien inġurjuż u lanqas ma kien jikkonsisti f'theddid. Isostni li l-ispirtu ċajtier tal-iskambju huwa evidenti mir-risposta tal-*parte civile* u jisħaq li bis-sentenza tagħha dwar l-ewwel (1) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti awtomatikament eskludiet is-sub-paragrafi (a) u (b) ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u li allura l-ħtija tal-Ewwel Qorti bilfors li ġiet stabbilita taħt il-paragrafu (ċ) – ċioè li għamel użu mhux xieraq bih. Jargumenta li dan il-paragrafu ma jistax japplika fejn wieħed ikun uża l-apparat b'mod umoristiku, bla kliem ta' theddid jew

kliem inġurjuż u jgħid li fis-sentenza ma ngħatat ebda raġuni għala l-kliem kellu jitqies mhux xieraq.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni u ċioè dik li temerġi minn Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta pero' sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni b'dan illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meta l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-kontravenzjoni *ossia* mill-ewwel (1) imputazzjoni hija kompliet tgħid hekk: *"iżda tqis li t-tieni imputazzjoni ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi u għaldaqstant sejra tgħaddi biex issibu ħati tat-tieni imputazzjoni"* (*a fol.* 47).

Illi mis-sommarju tal-evidenza kollha jirriżulta li l-*parte civile* rċeviet "theddid" permezz tal-*mobile* u marret tirrapporta dan lill-Pulizija. L-iskambju tal-messaġġi kien dan (*a fol.* 18):

| | |
|---|---|
| L-appellant: | 19.22: "I took all your clothes in the wardrobe. I thought all your clothes that didn't fit in I can burn them?" |
| Il-*parte civile*: | 19.23: "You just dare" |
| L-appellant: | 19.23:"I will right now"<br>19.25:"Noah will light the [fire] [simbolu ta' nar]" |
| Il-*parte civile*: | 19.26: [*Emoji*] [daħqa] |
| L-appellant: | 19.27:"Ok it means I have your consent<br>19.29:"Lightening now"<br>19.32:"It's done"<br>19.33:"You can collect the ashes" |

19.34: [F'dan il-mument jidher li l-appellant ċempel lill-*parte civile* bil-*WhatsApp*, pero' t-telefonata tiegħu ma ġietx imwieġba]

19.40: "Are you so scared of talking to me"

Il-*parte civile*: 19.41: "I've said what I have to say"

L-appellant: 19.42: "The walk iN is down".

Illi l-appellant jissottometti li din kienet ċajta u li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jagħmel xi ħaġa. Il-Qorti kkunsidrat il-kliem li jidher hawn fuq u meta tħares lejh oġġettivament jirriżultalha li dan huwa kliem ta' theddid. Din il-Qorti ma tistax tqis il-kliem t'hawn fuq bħala ċajta u dana b'mod speċjali meta jitqies dak li kienu għaddejjin minnu l-partijiet u l-animu tagħhom f'dak il-perjodu. Minkejja li l-*parte civile* użat l-*emoji* tad-daħqa hija spjegat li għamlet hekk biex ma turix lill-appellant li kienet qed tibża' minnu. Kieku l-*parte civile* ma kinitx imbeżża' mill-appellant b'dak li kiteb, hija ma kinitx tmur tirraporta dak li kien ġara lill-Pulizija.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Etienne Calleja** (Numru 102/2007) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta u argumenta li hu prinċipju bażiku u fondamentali fit-termini ta' Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewoprea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jeħtieġ li l-liġi li tikkostiwixxi reat tkun aċċessibbli u ċara u li jkun hemm dak li jissejjaħ *legal certainty*. Jisħaq li l-applikazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti ta' Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u d-diċitura ta' l-istess dispożizzjoni jwasslu biex dak il-*legal certainty* jiġi nieqes.

Illi għandu jingħad li paragrafu (ċ) ta' Artikolu 49 hawn fuq imsemmi japplika fil-każ odjern għaliex f'dan il-każ irriżulta li sar theddid permezz ta' *mobile*. Għandu jingħad ukoll li Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali li ħoloq reat – u mhux kontravenzjoni – u dan sar għaliex il-Leġislatur ħass li dan it-tip

ta' theddid jista' jsir b'mod aktar faċli permezz tal-*gadgets* (inkluż *mobiles*) li jinsabu fis-suq.

Illi l-appellant jissottometti li la l-Ewwel Qorti ħelsietu mill-ewwel (1) imputazzjoni – il-kontravenzjoni dwar inġurja u theddid – allura ma setgħetx issibu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni li hija wkoll dwar theddid. Iżda huwa ċar li l-Ewwel Qorti kkonċentrat fuq it-tieni (2) imputazzjoni minħabba li din taqa' taħt *lex specialis* u li l-fatti li rriżultaw aktar jaqgħu taħt din l-imputazzjoni milli taħt l-ewwel waħda fejn il-kontravenzjoni hija aktar ġenerika. Bl-ebda mod ma jfisser li għax l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni allura kellha tilliberah ukoll mit-tieni waħda. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti qieset li kemm fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta u kif ukoll fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 miżmuma quddiem din il-Qorti kif preseduta ngħad li d-diżgwid bejn il-partijiet ma għadux eżistenti u li hemm relazzjoni tajba bejniethom. Minkejja tali dikjarazzjoni, hija ma tħassarx il-fatt li r-reat kien seħħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Carmel Rapa u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**